MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1207/2012

**Paul Schembri**

**Vs**

**Joseph Frances Scerri**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-3 ta’ Dicembru 2012, l-attur ippremetta li:-

*1. Illi matul ix-xhur u s-snin li ghaddew l-esponenti gie diversi drabi avvicinat mill-intimat Joseph Francis Scerri li propona ruhu bhala persuna fil-mestier u l-professjoni tal-investimenti finanzjarji u li ghamillu diversi*

*proposti ghal investiment bi qliegh li gew accettati mill-esponenti.*

*2. Illi matul dan l-istess zmien u konsegwentement ghal dak miftiehem mal-intimat Joseph Francis Scerri, l-esponenti ghaddew lill-intimat diversi somom ingenti ta' flus bl-intiza li dawn kellhom jigu investiti f'isem l-istess esponenti skond kif propost mill-intimat.*

*3. Illi sussegwentement irrizulta pero' li mis-somom kollha ta' flus tal-esponenti percepiti mill-intimat ma gie investiti xejn u li inoltre mhux minnu li l-intimat Joseph Francis Scerri kien fil-mestier u l-professjoni tal-investimenti finanzjarji imma li l-azzjonijiet tieghu kienu kollha ingannevoli u qarrieqa fil-konfront tal-esponenti u intizi sabiex jaggiraw u jiddefrawdaw lill-esponenti minn somom ingenti li gew mghoddija lilu bil-hsieb li dawn kellhom jigu investiti bi qliegh.*

*4. Illi sussegwentement ukoll irrizulta li l-imsemmi intimat kien agixxa bl-istess mod mhux biss fil-konfront tal-esponenti imma wkoll fil-konfront ta' diversi persuni li, bhall-esponenti, sfaw vittma tal-agir ingannevoli u qarrieqi tal-intimat u li f'dan ir-rigward jinsab ghaddej minn diversi proceduri ta' natura kriminali dan kif gie ampjament riportat ukoll fuq il-mezzi tax-xandar (kopji ta' uhud mill-artikli pubblikati hawn annessi u mmarkati Dok. A-G).*

*5. Illi proprju minhabba tali agir illum il-gurnata l-intimat jinsab domiciljat fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.*

*6. Illi l-azzjoni odjerna qed tigi limitata ghas-somma globali ta' disgha u disghin elf, mija u tnejn u sebghin euro u hamsa u disghin centezmi (€99172.95) rapprezentanti l-ghadd ta' hamsa u ghoxrin elf euro (€25,000) u hmistax-il elf euro (€15,000) mghoddija lill-intimat fit-12 ta' Mejju, 2010 u ta' disgha u hamsin elf, mija u tnejn u sebghin euro u hamsa u disghin centezmi (€59172.95) mghoddija wkoll lill-intimat fl-4 ta' Marzu, 2011 (skond cekkijiet hawn annessi u mmarkati Dok. H u I) u dan peress illi, ghalkemm is-somom mghoddija lill-intimat kienu ferm aktar minn dawn, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-esponenti giet reza tant gravi ukoll bl-agir kriminali tal-intimat, li ma tippermettix li l-esponenti f'dan l-istadju jagixxi ghas-somma kollha minnu investita u jhallas id-drittijiet kollha tar-registru li talvolta jkunu dovuti f'kaz illi jitlob ir-rifuzjoni tas-somma kollha minnu mghoddija lill-intimat.*

*7. Illi ghaldaqstant din l-azzjoni qeghda ssir b'rizerva cara ghad-drittijiet kollha tal-esponenti, fosthom li jitlob ir-rifuzjoni tal-bilanc li jifdal u li gie mhallas minnu lill-intimat.*
*8. Illi l-ammont li jinsab mitlub permezz ta' dina l-procedura huwa cert, likwidu u dovut.*
*9. Illi debitament interpellat sabiex jirrestitwixxi s-somom kollha mghoddija lilu mill-esponenti, inkluzi kwindi l-ammonti surreferiti, l-intimat baqa' inadempjenti u inoltre lanqas ma nghatat ebda informazzjoni dwar x'sar minn tali somom.*
*10. Illi l-intimat m'ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti ghat-talbiet attrici.*
*11. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha mehtiega skond l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh.*

*Jghid l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u*

*1. Tordna lill-intimat ihallas lill-esponenti is-somma ta' disgha u disghin elf, mija u tnejn u sebghin euro u hamsa u disghin centezmi (€99172.95) rapprezentanti parti minn somma akbar li nghatat mill-esponenti lill-intimat kif jinghad hawn fuq u kwindi bhala konsegwenza tar-raggiri frawdolenti u qarrieqa da parti tal-istess intimat, b'rizerva ghad-drittijiet tal-esponenti fir-rigward tal-ammont bilancjali li huwa wkoll dovut mill-intimat lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni*.

Fis-seduta tal-lum xehed il-konvenut u ammetta li hu debitur tal-attur fis-somma ta' disgha u disghajn elf mija u tnejn u sebghin ewro u hamsa u disghajn centezmu (€99,172.95), import ta' tlett cekkijiet li nghataw lilu u li kopja taghhom esebita a fol. 14 u 15 tal-process.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' disgha u disghajn elf mija u tnejn u sebghin ewro u hamsa u disghajn centezmu (€99,172.95), bl-imghax mid-data tac-cekkijiet. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------